DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Informazzjoni:** | X | **Data:** | 3 ta' Mejju 2016 |
| **Azzjoni:** | X | **Ref:** | DCM 090/2016 |
| **Lill- :** | Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji tal-Istat u Sezzjonijiet | | |
| **Mingħand:** | Louis Scerri – Assistent Direttur | | |
| **Suġġett:** | L-Eżami tal-Malti bħala Lingwa Barranija 2016 fil-Livell Primarju u Sekondarju | | |

Kif kien imħabbar fiċ-ċirkulari DCM 159/2015, dawk l-iskejjel li għandhom studenti barranin li qed jitgħallmu l-Malti u qegħdin miġbura fi klassi għalihom u li kienu qed isegwu l-programm A1 fil-Malti bħala lingwa barranija jistgħu jagħmlu l-karta tal-eżami annwali tal-Malti bħala Lingwa Barranija – Livell A1.

L-għalliema jiddeċiedu jekk l-istudenti jkunux laħqu l-livell mixtieq biex jersqu għal dan l-eżami li jiċċertifika li nkisbu l-ħiliet kollha fil-livell A1 skont il-Qafas Komuni Ewropew għal-Lingwi (CEFRL).

Dan l-eżami annwali summattiv iġorr 40% tal-marka filwaqt li s-60% l-oħra jinħadmu fuq l-assessjar kontinwu, kif imfisser fil-programm ippubblikat fl-appendiċi taċ-ċirkulari DCM 159/2015. Studenti li fil-fehma tal-għalliema ma jkunux għadhom laħqu l-livell A1 u ma jkunux ser joqogħdu għall-parti summattiva, jiġifieri għal dan l-eżami annwali, għandhom xorta waħda tinħarġilhom il-marka minn 60% li tkun tkopri l-ħiliet imsemmija fil-manwal tal-istudenti hekk kif mehmuż mal-imsemmija ċirkulari.

Dan l-eżami ser isir nhar **l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2016** għall-iskejjel Primarji, fil-ħin li jkun qed isir l-eżami tal-Malti għall-istudenti l-oħra. L-eżami jieħu siegħa u kwart.

Għall-istudenti tal-Medja u tas-Sekondarja l-eżami tal-Malti bħala Lingwa Barranija ser isir **nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2016** bejn id-9:00 u l-10:30am. L-eżami jieħu siegħa u nofs.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**